## QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 19/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, kontra Joseph Pace talli (**1**) ghamel xi dikjarazzjoni jew issottometta xi dokument jew informazzjoni li, bid-dehen tieghu, kienet falza f'dettal sostanzjali, jew b'mod bla kont ghamel dikjarazzjoni li kienet falza f'dettal sostanzjali, u dan bi ksur ta' l-Artkolu 62(m) tal-Kap. 37; (**2**) xjentement jew b'negligenza ghamel jew ta, jew kien kagun li ssir jew li tinghata, xi dikjarazzjoni, dokument jew informazzjoni lill-Kontrollur li ma kienitx vera f'xi dettal materjali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18A(1) tal-Kap. 337; u (**3**) xjentement irregistra jew ippresenta ghat-tieni darba jew izjed polza ta' importazzjoni ghall-istess oggett, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18A(2) tal-Kap. 337;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Pace mhux hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu minn kull imputazzjoni u htija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fl-1 ta' Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat ukoll ir-risposta ghall-appell ta' l-appellat Joseph Pace; rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Mill-verbali registrati quddiem l-ewwel qorti jidher li dak li gara f'dan il-kaz kien is-segwenti: Fl-ewwel udjenza tat-2 ta' Marzu, 2000 giet sollevata mill-imputat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. L-ewwel qorti ddifferiet il-kawza ghat-18 ta' Mejju, 2000 u ordnat li "sad-differiment li jmiss sia minn naha tal-prosekuzzjoni u sia minn-naha tad-difiza jingiebu l-provi kollha rigwardanti l-preskrizzjoni". Minn dan kollu ma sar xejn, ghax fit-18 ta' Mejju, 2000 id-difiza

talbet differiment "minhabba impediment legittimu" (x'kien dana l-impediment din il-Qorti ma tistax tkun taf), u l-ewwel qorti ddiferiet il-kawza ghas-26 ta' Settembru, 2000. Pero` immedjatament wara dan il-verbal hemm verbal ta' udjenza li suppost li saret fil-5 ta' Lulju, 2000 – li fiha ma jidher li sar xejn – u l-kawza giet differita ghat-2 ta' Ottubru, 2000. Fit-2 ta' Ottubru, 2000 xehed Joseph Borg li ezibixxa numru ta' dokumenti. Kif fisser dana Borg (fid-deposizzjoni tieghu tal-31 ta' Mejju, 2001) hu kullma ghamel kien li materjalment ezibixxa dawn id-dokumenti minghajr ma pprova jispjegahom; ghall-dana l-fini, cioe` ta' spjega u aktar dettalji dwarhom, il-prosekuzzjoni kellha diversi xhieda ohra xi tressaq. Pero` fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2000 dik il-qorti ddifferiet il-kawza sabiex tigi assenjata lil Magistrat iehor. Kien hemm imbghad tlett udjenzi ohra – 9/11/2000, 12/12/2000 u 19/12/2000 – li fihom rega' ma sar xejn, bil-kawza dejjem qed tistenna li tigi assenjata lil Magistrat iehor. Fil-25 ta' Jannar, 2001, il-kawza waslet quddiem il-Magistrat l-iehor li kellu jismaghha. F'din l-udjenza, minghajr ma kienu ngabu l-provi dwar il-preskrizzjoni li kienet originarjament ordnat il-Qorti, u minghajr ma kien hemm dikjarazzjoni da parti tal-prosekuzzjoni li ma kellhiex aktar provi xi tressaq, l-ewwel qorti ghaddiet ghas-sentenza. Ghalkemm fis-sentenza liberatorja jinghad li l-qorti "semghet il-provi", jirrisulta li l-Magistrat li ta s-sentenza fil-fatt ma kien sema' ebda provi – l-uniku xhud xehed fit-2 ta' Ottubru, 2000 quddiem l-ewwel Magistrat u d-deposizzjoni tieghu ma gietx traskrtitta. B'hekk jigi li l-ewwel qorti tat sentenza minghajr ma kienet semghet provi. Kif fisser Joseph Borg meta xehed fil-mori ta' l-appell, il-prosekuzzjoni kellha, fi kwalunkwe kaz, diversi xhieda ohra li riedet tressaq, u ma jirrisultax li hi b'xi mod irrinunzjat ghalihom.

Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro***, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita` sostanzjali jew xort' ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali[1]. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti. Minkejja dan, il-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita` tas-sentenza, huma sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti. U biex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti ser tipprovdi bil-mod infraskritt.

Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jerga' jibghat lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti tisma' l-kawza u tiddecidiha skond il-ligi.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur

[1] Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Joseph Bartolo***, App. Krim. 9/9/99